MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 64/2007/1

**Margaret Cordina (ID 84743M)**
**Rachel Zammit (ID 137452M)**
**Franca Muscat (ID 78545G)**
**Antonia Muscat (ID 863648M)**
**Blanche Plumpton (ID 163554M)**
**Gemma Azzopardi (ID 538715M)**
**Dottor Victor Mallia Milanes (ID 380440M)**
**Alice Zammit (ID 385243M)**
**Alfred Mallia Milanes (ID 740447M)**
**Joseph Mallia Milanes (ID 368538M) f'ismu proprju kif ukoll mandatarju tal-imsiefrin Raymond Mallia Milanes, Frances Camilleri u Antoniette Buttigieg.**

**vs**

**Joseph Saija (ID 7156M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi l-esponenti jikru l-flat 73, Flat 1 Triq San Gwann Valletta u l-kantina fl-istess blokk lill-intimat bil-kera ta’ Lm20 fis-sena, tithallas kell sena bil-quddiem, u l-iskadenza korrenti taghlaq fil-31 ta’ Dicembru 2007;

Illi l-intimat bidel id-destinazzjoni tal-fond u qed juzah xort’ohra mill-ghall-iskop residenzjali li ghalih gie mikri lilu;

Illi in oltre kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja u ghamel hsara fil-fond mikri lilu kif jigi ppruvat ahjar waqr it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-esponenti ghandhom ragunijiet validi fil-ligi sabiex jirrifjutaw li jgeddu l-kirja tal-imsemmi fond lill-intimat;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jiehdu lura l-pussess tal-fond 73, Flat 1 Triq San Gwann Valletta, u l-kantina fl-istess blokk, fi tmiem il-perjodu kurrenti ta’ rilokazzjoni;

Bl-ispejjes u b’riserva ghal kull azzjoni ghad-danni;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi fis-seduta tat-13 ta’ Jannar 2010, l-intimat tramite l-avukat difensur tieghu obbliga ruhu li jizgombra mill-fond fi zmien xahar minn dakinhar u kien intalab differiment ghall-probabli cessjoni, naturalment biex il-kap tal-ispejjes jinzamm fil-minimu, u dan huwa komprensibbli;

Illi fl-udjenza tal-1 ta’ Marzu 2010, l-imtimat ma deherx u r-rikorrenti talab li tinghata sentenza.

Wiehed mir-rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u ghalhekk ir-rikors jammerita li jkun milqugh.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jilqa’ t-talba u jawtorizza r-ripreza tal-fond fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------